MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Mandat Numru. 326/2009/1

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tas-socjeta’ The Golden Shepherd Group Limited datat 24 ta’ Frar 2009 a fol. 1 tal-process fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tinibixxi lis-socjeta’ intimata milli taqta’ is-servizz ta’ provista ta’ dawl mill-Isptar “St. Philips Hospital”, proprjeta` tar-rikorrenti, meta l-kontijiet normali huma mhallsa, u filwaqt illi l-partijiet qeghdin jistennew id-direzzjoni ta’ proceduri pendenti quddiem l-Office & Fair Competition mis-16 ta’ Mejju 2007 dwar il-validita` ta’ “*surcharge*” u “*capping*” tal-provista mill-intimat li qieghed jabbuza mill-monopolju u posizzjoni tieghu fis-suq, u li din it-talba tigi milqugha provizorjament fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat id-digriet 24 ta' Frar 2009 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Marzu 2009, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-intimata socjeta` Korporazzjoni Enemalta datata 27 ta' Frar 2009 a fol. 5 tal-process.

Illi t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament is-societa` rikorrenti mghandiex *locus standi* fil-proceduri odjerni *stante* illi s-societa` Golden Sheperd Group Limited mhijiex registrata fuq il-kont li permezz tieghu l-Korporazzjoni intimata tghati d-dawl lill-fond in kwistjoni u ghaldaqstant ma tezistix relazzjoni guridika bejn l-istess societa` u l-Korporazzjoni Enemalta;

2. Illi ukoll preliminarjament, kif irriteniet l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1875/2002 GCD, fl-ismijiet **"Mario Camilleri vs Korporazzjoni Enemalta**" datat 23 ta' Settembru 2002, (kopja nformali hawn annessa) fil-prattika t-talba li qieghed jaghmel ir-rikorrent ma tikkonsistix f'talba sabiex wiehed jigi mizmum milli jaghmel xi haga izda tikkonsisti f'li xi hadd, f'dan il-kaz l-Enemalta, tigi ordnata taghmel xi haga, f'dan il-kaz li tkompli taghti l-energija elettrika, illi ghalhekk il-Mandat ta' Inibizzjoni mhux rimedju idoneu ghal dak li jrid ir-rikkorenti:

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba fil-mertu ma tistax treggi;

4. Illi l-provvista ta' l-elettriku fil-gzejjer Maltin hija regolata mir-Regolamenti ghall-Provvista tal-Elettriku, liema regolamenti huma publikati permezz ta' Avvizi Legali mahrugin mill-Korporazzjoni Enemalta *ai termini* tal-**artikolu 39 tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta** u liema Avviz Legali jigi approvat mill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi li hija l-Awtorita` kompetenti fis-suq tal-Energija;

5. Illi r-regolamenti riferiti jipprovdu, *inter alia*, illi:

*67. Jekk kont jew talba ghall-hlas, debitament prezentata lill-konsumatur, ma tithallasx fi zmien erbatax-il jum minn mindu tigi prezentata, jew jekk id-depozitu mehtieg skont ir-regolament 8 ma jsirx fi zmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont iehor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tigi sospiza minghajr ma jinghata ebda avviz minn qabel:*

6. Illi l-Korporazzjoni harget varji notifiki u saru varji tentattivi sabiex l-ammonti dovuti jigu mhallsa izda l-konsumatur jhoss li hu m'ghandux ihallas;

7. Illi l-kuncett ta' "*capping*" u "*surcharge*" li minnu jilmentaw r-rikorrenti gie introdott permezz tal-Avviz Legali 132 ta' 1-2005 (b'dan illi l-ammont tas-*surcharge* giet varjata permezz ta' Avvizi Legali sussegwenti), u s-sistema u l-Avviz Legali in kwistjoni gew approvati mill-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi li *a tenur* tal-**artikolu 4 tal-Kap 423 tal-Ligijiet ta' Malta** hija r-regulatur kompetenti fis-settur tal-energija.

8. Illi ghaldaqstant huwa car illi l-Korporazzjoni Enemalta osservat ir-rekwiziti legali kollha necessarji sabiex tippublika l-Avviz Legali in kwistjoni, u kull Avviz Legali sussegwenti u ghaldaqstant hemm vinkolu legali sabiex isiru l-hlasijiet;

9. Illi ghalhekk l-ammonti pretizi mill-Korporazzjoni Enemalta bhala hlas ghall-konsum fil-fond in kwistjoni huma bazati fuq pedament legali solidu u t-talba ma tistax tigi sorvolata semplicement abbazi tal-fatt illi wiehed ma jaqbilx maghha u prezenta process sabiex jisfidha;

10. Illi l-prezunzjoni *prima facie*, ghar-ragunijiet suesposti, ghandha tkun li s-sistema hija valida u ghaldaqstant il-ligi ghandha tigi osservata u l-kont imhallas u ghaldaqstant r-rikorrent m'ghandux il-bazi *prima facie* necessarja f'ghajnejn il-ligi **(artikolu 873 (2))** sabiex jottjeni il-hrug ta' dan il-mandat;

11. Illi kjarament il-konsumatur ghandu kull dritt jintavola proceduri sabiex jisfida il-kontenut izda l-hlas ghandu jibqa' jsir, jekk hemm bzonn taht protesta, u meta l-kwistjoni tigi deciza l-vicenda tigi regolata;

12. Illi l-hlas tat-tariffi huwa kardinali ghall-operazzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta u ghaldaqstant kwalsiasi decizjoni sabiex dan il-hlas, stabbilit mil-ligi jigi mizmum sakemm ikun hemm decizjoni tal-*Office of Fair Competition* ikollha efetti dizastruzi fuq il-finanzi tal-Korporazzjoni illi ma tkunx tista' tiffinanzja l-operat taghha b'konsegwenzi negattivi ghall-pajjiz kollu, pregudizzju dan, li fid-dawl tal-**artikolu 873 (3)** huwa sproporzjonat ghall-pregudizzju li jista' jbati l-konsumatur, *stante* illi jekk il-Korporazzjoni ma tkunx tista' tiffinanzja l-operat taghha xorta wahda jisfa bla servizz tad-dawl, flimkien mall-bqija tal-pajjiz;

Ghaldaqstant l-Korporazzjoni esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad t-talba rikorrenti bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti esebiti tas-socjeta` intimata a fol. 8 sa 15 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-11 ta' Marzu 2008 fejn dehru Dr. Frank Portelli bhala rappresentant tas-socjeta' rikorrenti assistita minn Dr. Paul Pullicino u Dr. Damien Degiorgio u Dr. Henri Mizzi ghall-korporazzjoni ntimata li rtiraw l-ewwel eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata. Id-difensuri trattaw ir-rikors li gie differit ghall-provediment *in camera.*

Rat l-atti kollha esebiti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi dan huwa rikors fejn is-socjeta' rikorrenti qed titlob li l-korporazzjoni intimata tigi inibita milli taqta' s-servizzi ta' provista ta' dawl mill-Isptar St. Philips Hospital, ghaliex issostni li l-kontijiiet huma mhallsa, u tghid li hija qed tistenna decizjoni mill-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta mid-data tas-16 ta' Mejju 2007 dwar il-validita' tal-imposizzjoni ta' *surcharge* u *capping* tal-provista mill-intimat ghaliex skont hija l-istess Korporazzjoni qed tabbuza mill-monopolju u l-posizzjoni taghha fis-suq.

Illi min-naha l-ohra l-Korporazzjoni intimata tghid li l-provista tad-dawl hija regolata minn Avvizi Legali li jinhargu taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kap 272,** u *inter alia* **r-regolament 67** fuq citat jipprovdi li jekk ma jithallasx il-kont jew ma jsirx depositu fiz-zmien hemm indikat, il-provista tal-kurrent f'dak il-kont jew kont iehor tista' tigi sospiza minghajr ma jinghata avviz minn qabel. Gie sottomess li l-kuncett ta' *capping* u *surcharge* giet introdotta permezz ta' **Avviz Legali 132 tal-2005,** kif emendat sussegwentement, u dawn gew approvati mir-regolatur f'dan is-settur u cjoe' mill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi skond l-**artikolu 4 tal-Kap 423.** u li l-istess socjeta' rikorrenti kemm il-darba giet interpellata sabiex thallas l-istess kontijiet li ghad hemm pendenti u din baqghet ma' ghamlitux u ghalhekk l-istess korporazzjoni ntimata ghandha d-dritt tiehu l-passi skont il-ligi.

Illi jirrizulta li l-ghan tat-talba odjerna hija li zzomm persuna milli taghmel xi haga li tkun tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat, u ghal dan il-ghan ir-rikorrenti jrid jipprova li mad-daqqa t'ghajn (*prima facie*) huwa ghandu dan il-jedd, u li tali mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tieghu **(artikolu 873 (1) tal-Kap. 12 – "Mary Borg vs Il-Kummissarju tal-Artijiet" –** P.A. (JRM) – 15 ta' Dicembru 2008). Din hija mizura ta' natura eccezzjonali **("Grech proprio et nomine vs Manfre"** – A.C. – 14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290), b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem.

Illi fid-dawl ta' dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta biss li s-socjeta' rikorrenti ghamlet talba lill-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta sabiex jezamina l-operat tal-korporazzjoni intimata, lment li sar fis-16 ta' Mejju 2007, fejn jidher li s-socjeta' rikorrenti qed tallega li l-operat tal-istess korporazzjoni ghall-imposizzjoni ta' *surcharge* fuq il-konsum u *capping* f'certu kazi huwa agir abbusiv fil-kuntest tal-monopolju li l-istess entita' tgawdi fil-provista tad-dawl fis-suq lokali.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher li l-mod kif formulat l-istess rikors odjern ma jwassalx sabiex jinghad li l-istess socjeta' rikorrenti  tista' tigi kkunsidrata bhala li ppruvat li ghandha *prima facie* xi dritt li ma thallasx il-kontijiet lilha spediti ghall-konsum ta' dawl,  u dan anke fir-rigward tas-*surcharge* imposti u ghall-argument dwar il-*capping* fuq xi kontijiet mahruga mill-istess entita', u dan anke jekk l-imposizzjoni tal-istess qed tigi kontestata taht il-provedimenti tal-**Kap. 379.** Dan iktar u iktar u jekk tali talba tigi kkunsidrata fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-istess Att nkluzi dawk taht **l-artikolu 15 tal-istess Kap. 379** dwar mizuri *interim* li tista' tiehu l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fuq talba minn persuna li tressaq ilment taht l-istess Att.

Illi wkoll jirrizulta  li fil-fatt mill-korrispondenza esebita li tali kontroversja bejn il-partijiet  ilha zmien ghaddejja  tant li tul il-kors taghha kienu qed isiru pagamenti akkont mis-socjeta' rikorrenti anke ghall-istess *surcharge* inkluza fil-kont mahrug fuq is-socjeta' rikorrenti (anke jekk taht protesta) u liema pagamenti wasslu sabiex l-istess korporazzjoni intimata tibqa' tipprovdi l-istess servizz u ma tiehux il-passi li tista' tiehu a bazi tal-**regolament 67** minnha citat. Jidher li dawn il-pagamenti, li l-istess entita' konvenuta lanqas qed tesigi li jsiru f'daqqa, waqfu li jsiru, fuq il-pretest li tali *surcharge* giet imposta abbusivament tant li qed tigi attakkata skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 379,** u dan meta llum l-ammont pendenti bhala *surcharge* huwa ben definit, minhabba li l-kontijiet ghall konsum attwali ma humiex suggetti ghall-istess.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu, t-talba tas-socjeta’ rikorrenti f’dan il-mandat ta’ inibizzjoni, ma tistax tintlaqa’ peress li din il-Qorti thoss, li fl-ahjar ipotesi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ma giex ippruvat li l-istess socjeta’ rikorrenti ghandha *prima facie* d-dritt minnha pretiz u ghalhekk l-elementi necessarji ghall hrug ta’ tali mandat hija mankanti.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta’ rikorrenti qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta’ tal-korporazzjoni ntimata datata 27 ta’ Frar 2009 in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz, u fil-waqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha datat 24 ta’ Frar 2009 inkwantu laqghet it-talba kontra l-korporazzjoni intimata b’mod provizorju, **tichad it-talba tas-socjeta’ rikorrenti fir-rikors taghha datat 24 ta’ Frar 2009 ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-korporazzjoni intimata** peress li tali talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ rikorrenti.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------